MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Numru 31/2002

Il-Pulizija
(Spettur Neville Xuereb)
vs
Giuseppe Vichi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Giuseppe Vichi, imwieled Comiso fid-19 ta' Settembru 1961, li permezz taghhom huwa jinsab akkuzat talli fid-9 ta' Ottubru 2001 u fil-jiem ta' qabel din id-data gewwa San Giljan kiser kundizzjoni mifhuma ta' kull permess moghti lil xi persuna skond il-paragrafu (b) jew estiz skond il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni li dik il-persuna ma ghandix f'Malta tezercita xi professjoni jew xoghol jew ikollha kariga jew tkun impjegata minn xi persuna ohra minghajr licenzja minghand il-Ministru responsabbli ghall-Immigrazzjoni;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi tiddikjara lill-imsemmija persuna Giuseppe Vichi bhala immigrant ipprojbit u tohrog Ordni ta’ Tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kienx hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet ix-xhieda illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tat-13 ta’ Novembru, 2002;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu **hati** ta’ dawn l-imputazzjonijiet u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 5, 6, 12, 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni, irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri u ghalhekk ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' benefficju ghall-imputat u ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.
(ft) Rita Mangion

Deputat Registratur
Vera kopja,

Deputat Registratur